**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Inferjuri**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Avviż numru:- 9/2020BS**

**Car Sharing Services Malta Limited [C-87864)**

**-vs-**

**Rohit Lokesh Sood**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-03 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu talbet lill-konvenut jgħid il-għaliex m'għandux ikun ikkundannat minn din il-Qorti sabiex:

Iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma li ma teċċediex l-ammont ta' ħmistax -il elf Euro (€15,000) rappreżentanti danni u kif ukoll loss of earnings sofferti mis-soċjeta' rikorrenti in segwitu għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fis-06 ta' Ottubru 2019 fi Triq Selmun, Mellieħa meta Rohit Lokesh Sood kien qiegħed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH 053 di propjeta' tas-socjeta' rikorrenti u liema inċident seħħ unikament bħala

riżultat tat-traskuraġini, negliġenza u nuqqas ta′ osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Illi għal kull buon fini is-soċjeta′ rikorrenti tiddikjara illi minkejja l-fatt li l-ammont ta′ danni u loss of earnings sofferti in segwitu għall-inċident de quo jaqbeż l-ammont ta′ ħmistax-il elf Euro (€15,000), hija qiegħda tillimita t-talba tagħha għad-danni u loss of earnings għall-ammont ta′ ħmistax-il elf Euro (€15,000), u ċioe l-ammont massimu illi jaqa′ taħt il-kompetenza ta′ dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta′ dan l-att sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li inti minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni baqa′ ma deherx quddiem din il-Qorti biex jikkontesta l-kawża u lanqas ma ppreżenta ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta′ Frar 2020 il-konvenut msejjaħ diversi drabi ma deherx u għalhekk il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta` attriċi, fuq talba tagħha stess, sabiex tippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu ġie ppreżentat seduta stante u ġie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut, is-soċjeta` attriċi talbet lill-konvenut sabiex jipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma u għar-ragunijiet indikati fl-Avviż.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-subizzjoni tal-konvenut għas-seduta tat-12 ta′ Marzu 2021, iżda tali seduta ma saritx stante direzzjoni mogħtija mill-Prim Imħallef sabiex il-Qorti tgħin kontra t-tixrid tal-Covid-19.

Rat illi fis-segwenti seduti u ċioe tat-12 ta′ April 2021, tas-26 ta′ Mejju 2021 u seduta tal-24 ta′ Ġunju 2021 il-konvenut ma deherx għas-subizzjoni tiegħu sabiex iwieġeb għad-domanda tas-soċjeta` attriċi.

Rat illi din il-kawża tħalliet differita għas-sentenza in difett t'ostaklu għas-seduta tal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi b'din l-azzjoni is-soċjeta` attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma rappreżentanti danni u telf ta qliegħ li sofriet wara inċident tat-traffiku li seħħ fis-6 ta' Ottubru, 2019, Selmun Road il-Mellieha, meta l-konvenut kien qed isuq il-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH053, liema vettura hija propjeta tal-kumpanija attriċi u liema inċident seħħ unikament tort tal-konvenut. Is-soċjeta' attriċi tgħid illi għalkemm l-ammont ta' danni subiti minnha jeċċedu is-somma mitluba hija qed tillimita l-pretensjoni tagħha għal ammont reklamat fl-avviż.

Mill-atti jirriżulta illi għalkemm il-konvenut, debitament notifikat permezz tal-proċedura ta' l-affisjoni bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas ma deher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta t-talba tas-socjeta` attriċi. Il-Qorti pero tqis illi dan ma jfissirx li t-talba tas-soċjeta` attriċi hija awtomatikament ppruvat. Infatti n-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma tistax tittieħed bħala ammissjoni tat-talba iżda titqies li hija kontestazzjoni fiha nnifisha. Dan ifisser li jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-każ tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-każ huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Fil-każ in diżamina jirriżulta illi għalkemm il-konvenut Rohit Lokesh Sood ġie debitament notifikat permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni a tenur ta' l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta, huwa naqas milli jidher sabiex iwieġeb għad-domandi in subizzjoni.

Skond l-Artikolu 702 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll paċifikatament ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, in-nuqqas mingħajr raġuni valida tas-subent li jidher u jwieġeb għall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intiżi biex jagħmlu prova tad-domanda attriċi - jitqies bħala preżunta konfessjoni.

Iżda billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talba attriċi, dan ifisser li din il-prova waħedha mhux neċessarjament titqies biżżejjed biex tissodisfa l-prova meħtieġa da parti ta' l-attur in sostenn tal-pretensjoni tiegħu. Huwa wkoll prinċipju aċċettat illi l-qorti ma hix marbuta f'kull każ bil-konfessjoni li tista' tirriżulta minn nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi oħrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif sewwasew iddeċidiet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[1], il-fatt illi l-konvenut naqas li jwieġeb għall-kapitoli, dawn :-

*"… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqgħod fuq dik il-preżunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li sa dak l-istadju setgħet kienet diġa` prodotta quddiem il-Qorti."*

Issa fil-każ li għandha din il-qorti quddiemha minbarra il-kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut il-kumpanija attriċi ressqet ukoll bħala xhud impjegata tas-soċjeta` attriċi Tania Agius li ppreżentat l-okkorrenza ta' l-inċident, dokumenti maħruġa mill-kumapnija assikuratriċi kif ukoll renikont ta' l-ispejjeż u telf ta qligħ tal-kumpanija riżultat ta' l-inċident. Il-konvenut naqas mili jikkontradixxi dawn il-provi u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-liġi.

[1] deciza 28 ta' April 2000

Dan ifisser illi l-ammont reklamat mis-soċjeta attriċi ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) huwa dovut mill-konvenut Rohit Lokesh Sood.

**Decide.**

Għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi ġia espressi , il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi u tikkundanna lill-konvenut Rohit Lokesh Sood iħallas lill-istess soċjeta` attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), bl-imgħax kif mitlub.

L-ispejjeż ta din il-kawża għandhom jkunu interament a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur